REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1728

tad-29 ta' Settembru 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/521 relatati mal-mekkaniżmu li jagħmel ċerti prodotti soġġetti għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/479 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-esportazzjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/111 ([2]) li jagħmel l-esportazzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19 kif ukoll tas-sustanzi attivi, inklużi banek ta' ċelloli prinċipali u ċelloli operatorji, użati għall-manifattura ta' dawn it-tilqimiet, soġġetti għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/479, għal perjodu ta' sitt ġimgħat. Wara dan, fit-12 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442 ([3]) li jagħmel l-esportazzjoni tal-istess prodotti soġġetta għal awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2021, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2015/479.

(2) Fl-24 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/521 ([4]) li jintroduċi, bħala fattur addizzjonali li jrid jitqies fil-kunsiderazzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, il-ħtieġa li jittieħed kont dwar jekk din l-awtorizzazzjoni tkunx ta' theddida fuq is-sigurtà tal-provvista tal-prodotti koperti mir-Regolament (UE) 2021/442 fl-Unjoni. Bl-istess Regolament, il-Kummissjoni ddeċidiet dwar sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni ta' ċerti pajjiżi ta' destinazzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/442.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/521 ġie adottat skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/479 u japplika għal mhux aktar minn sitt ġimgħat. Il-miżuri introdotti b'dak ir-Regolament ġew sussegwentement estiżi sat-30 ta' Ġunju 2021 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/734 ([5]) u sat-30 ta' Settembru 2021 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1071 ([6]).

(4) Il-konsenji tad-doża tat-tilqim kontra l-COVID-19 fl-Unjoni baqgħu għaddejjin, u dan irriżulta fi progress ċar tal-kampanja ta' tilqim fl-Unjoni.

(5) Madankollu, din il-kampanja ta' tilqim għadha għaddejja u għad hemm inċertezzi, b'mod partikolari bl-emerġenza ta' varjanti ġodda tal-virus COVID-19. Għalhekk hemm ħtieġa kontinwa għat-trasparenza tal-kunsinni tal-esportazzjoni u l-provvisti tal-Unjoni.

(6) Għadu jippersisti wkoll ir-riskju li l-esportazzjonijiet jheddu jew l-eżekuzzjoni tal-Ftehimiet ta' Xiri bil-Quddiem bejn l-Unjoni u l-manifatturi tat-tilqim jew is-sigurtà tal-provvisti tal-Unjoni tat-tilqim kontra l-COVID-19 u s-sustanzi attivi tagħhom.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri introdotti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/521 jibqgħu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2021. Għalhekk dawk ir-Regolamenti jenħtieġ jiġu emendati skont dan.

(8) Il-Kumitat tal-Appell ġie kkonsultat dwar dan ir-Regolament. Il-kumitat tal-appell ma tax opinjoni,

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 34.
([2]) ĠU L 31 I, 30.1.2021, p. 1.
([3]) ĠU L 85, 12.3.2021, p. 190.
([4]) ĠU L 104, 25.3.2021, p. 52.
([5]) ĠU L 158, 6.5.2021, p. 13.
([6]) ĠU L 230, 30.6.2021, p. 28.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/442, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2021.".

Artikolu 2

Fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/521, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2021.".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN